MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-22 ta' April, 2008

Numru 392/2004

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Sandro (Alexander) Darmanin ta’ 34 sena iben Peter Paul u Maria Teresa nee Zammit imwieled Attard fil-21 ta’ Lulju 1970 residenti Pebbles, Triq il-Gran Mastri Marsaskala u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 389870 (M)

2. Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fit-18 ta’ Settembru 2002 umatul l-aħħar xhur qabel din id-data:

a) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skodn ir-

riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif susegwentement emendati u bi kusr ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikulużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li me kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

b) kellu fil-pussess tiegħu mediċina risretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3(1) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985 kif emendat;

ċ) kellu fil-pussess tiegħu mediċina speċifikata u psikotropika (amphetamine) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u la-rtikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985 kif emendat;

d) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) talli wkoll kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Mgt) Dr.A.Lofaro fit-8 ta' Novembru 2001.

3. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 f'każ ta' sejbien ta' ħtija.

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-Ordnijiet ta’ l-Avukat Ġenerali tal-15 t’April, 2003, iċ-ċertifikat tat-twelid numru 3898 ta’ l-1970 li jaqbel man-numru tal-karta ta’ l-identita’, il-fedina penali ta’ l-imputat kemm dik oriġinarjament esibita kif ukoll dik aġġornata, il-konferma ta’ l-esperti maħtura matul l-inkjesta taħt id-direzzjoni tal-Maġistrat Dr.Giovanni Grixti, is-sentenza tal-Maġistrat Dr.Abigail Lofaro tat-8 ta’ Novembru 2001, il-proces-verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Giovanni Grixti bit-titolu “Sejba ta’ dorga fil-vettura u fir-residenza ta’ Sandro Darmanin nhar it-18 ta’ Settembru 2002, ir-relazzjoni u r-ritratti ppreżentati f’dan il-Proċes-Verbal

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

6. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli difensur

Ikkonsidrat

7. Li fit-18 ta’ Settembru 2002 l-iskwadra ta’ kontra d-droga osservaw lill-imputat u lit-tfajla tiegħu jirkbu ġo karozza Rover JAD 449 u jsuqu. PC 10 u WPS 45 ippruvaw iwaqqfu l-vettura fi Triq il-President Anton Buttigieg fiż-Żejtun. Fil-ħin li ppruvaw iwaqqfuhom, lemħu lil Sandro Darmanin jarmi żewġ qratas. Wara huwa saq bil-ħeffa. Huwa għamel ħsara fir-residenza ta’ ċertu Peter Mifsud.

8. Il-Pulizija interċettat lill-imputat u lit-tfajla tiegħu xi għaxar minuti wara.

9. Saret tfittxija fir-residenza ta’ l-imputat. Instabu żewġ qratas kontenenti kokaina fil-karozza ma’ l-art fil-karozza. Instabet ukoll biċċa raża tal-cannabis, nofs pillola ecstasy, speed u xi steroids.

**L-Istqarrija ta’ l-imputat.**

10. Fid-19 ta' Settembru 2002, fil-11 neqsin għoxrin ta' fil-għodu l-imputat spjega l-kondizzjoni finanzjarja tiegħu. Fil-jum ta' qabel kien mar jiekol mat-tfajla tiegħu. Wara marru d-dar fejn baram joint u reġgħu ħarġu. Karozza pajżana tal-Pulizija segwiethom fiż-Żejtun . Malli ra l-karozza tal-Pulizija, l-imputat li kellu erba' pakketti kokaina, ipprova jarmihom kollha għalkemm il-Pulizija wara sabu xi qratas tal-kokaina taħt is-sit. kif ukoll biċċa blokka żgħira tal-cannabis. Huwa kien irnexxielu jiżgiċċa, daħal fil-ħajt ta' propjeta' privata u kien lest li jħallas għall-ħsara.

11. Mar id-dar fejn sab lill-Pulizija jistennewh u fid-dar sabu xi stroids li juża għall-bodybuilding u li hu kien jixtri minn fqu l-idejn, biċċa blokka żgħira, nofs ecstasy u xi speed. Sabu wkoll miżien li hu kien juża biex jiżen il-protein powder.

12. L-imputat kien ilu jpejjep dorga minn mindu kellu 13-il ena, kokaina kien ilu jieħu xi xahrejn u ecstasy rari kien jieħu. L-ispeed kien jeħodha għat-training. Kokaina kienu jieħu madwa nofs gramma iżda mhux kull jum kien jieħu. Huwa kien stqarr ukoll li l-erba' pakketti kien tafagħhom fil-karozza biex meta jkollu aptit ikunu hemm. Dwar il-joints huwa qal li kien aktar safe biex tobromhom u jkollok aktar kumdita'.

## Xhieda forensika

13. L-Ispiżjar Mario Mifsud ippreżenta r-rapport tiegħu u mill-analiżi dettaljata tiegħu jirriżulta li:

### A) Li dawn li ġejjin mhux kontrollati bil-Liġi

a) ma nstabux sustanzi illegali fuq il-miżien elettroniku, fiż-żewġ siringi, fil-bott tal-plastik, fil-borża vojta u fit-tab abjad li kien hemm fid-dokument 05 AAK 04o;

b) li s-sodium bicarbonate li nstab mhux kontrollat bil-Liġi;

c) Li l-pilloli fid-dokumenti 05 AAK 02a, c, 4a, 4d, 4p kienu vitamini jew body supplements.

d) It-tletin pillola bajda fid-dokuemnt 05 AAK 02b kienu dawk tal-Ephedrina u dawn mhux ikkontrolalti bil-Liġi;

e) Li l-pillola waħda ta' għamla ovali kienet Augmentin li hija antibiotic u mhix ikkontrollata bil-liġi;

f) Li l-injectable testosterone propionate hija anabolic steroid li mhix kontrollata bil-liġi;

g) li l-124 pillola bajda fid-dokument 05 AAK 04i u żewġ pilloli li kien hemm fid-dokument 05 AAK 04r instabu li kienu Stanozolol. Dawn huma anabolic steroids li mhux ikkontollati bil-Liġi;

h) Li l-25 pillola bajda kienu dawk tal-Clomethiazole li mhux ikkontollati bil-Liġi

**B) Li dawn li ġejjin huma kkontrollati**

i) Blokka ta' 1.526 grammi THC

j) nofs pillola ecstasy;

l) traċċi ta' kokaina fuq il-mera;

m) li fit-trab abjad li kien hemm fiż-**żewġ** qratas tal-karti fid-dokument tal-karti fid-dokument 05 AAK 04n kien fihom 1.179 grammi ta' kokaina b'ċirka 41.3% tat-trab abjad ikun kokaina.

**Xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni**

14. PC 453 Brian Cassar ikkonferma li hu kien ħa xi ritratti ma' uffiċjal ieħor tal-Pulizija li llum leħaq miet.

15. PC 10 Trevor Cassar Mallia ddeksriva kif ipprova jwaqqaf lill-imputat li rriversja u baqa' dieħel f'parapett. L-imputat rema biċċa foil u saq. Ix-xhud ġabar il-qartas.

Wara waqqfu lill-imputat fejn id-dar tiegħu u mill-karozza nstab qartas ieħor tas-silver u ġo pakkett tal-Marlborough kien hemm sustanza suspettata resin. Mid-dar kienu elevati (a) xi trab suspettat li kien speed; (b) xi steroids; (c) xi miżien; (d) xi karti mqattgħin. Mir-ritratti x-xhud għaraf il-karozza ta' l-imputat, ir-residenza tiegħu, il-qartas li l-imputat rema ma' l-art.

16. WPS Marisa Bartolo ikkonfermat li l-imputat kien rema xi ħaġa u li din inġabret minn PC 10. Fil-karozza kien hemm żewġ sachets li kienu qed jissuspettaw li kienet droga. Dawn kienu fuq in-naħa tax-xufier fuq it-tapit. Fil-bieba tal-karozza kien hemm pakkett Marlborough fejn kien hemm sustanza li kienet suspettata cannabis resin. L-imputat kien hemm żewġ sachets ukoll. Minn ġod-dar inġabru sodium bicarbonate, xi tablets, karti kwadri u xi affarijiet oħra relatati mat-teħid tad-droga.

17. L-Ispettur Pierre Micallef Grimaud ikkonferma s-sentenza mogħtija kontra l-imputat mill-Maġistrat Abigail Lofaro fit-8 ta' Novembru 2001. Dan ix-xhud kien l-uffiċjal Prosekutur.

**Xhieda Difiża**

18. L-imputat xehed li fiż-żmien meta seħħ il-każ huwakien għaddej minn diffikoltajiet familjari. (fol.74) Huwa xehed li d-droga kollha li nstabet kienet intiża għalih u qal li l-ammonti għandhom jindikaw dan. Huwa kkonferma l-istqarrija li kien għamel fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Huwa qal ukoll li meta kienu segweh il-Pulizija huwa kien jaf li kellu d-droga fuqu, ippanikkja u beża'. Il-ħsara tal-parapett kien diġa' ħalals għaliha. Huwa ċaħad li qatt biegħ droga u lanqas qatt kellu l-intenzjoni li jagħmel dawn. Il-kokaina hija xi ħaġa li eħdoha barra waqt drink. Mhux droga li ser tużaha d-dar. Dwar il-cannabis, dan huwa aktar komdu li tagħmel sigarett id-dar.

19. Kien żmien ukoll li l-imputat kien qed jagħmel il-bodybuilding u kien juża t-tablets għal dan il-għan. Huwa kein joqgħod attent kif jieħu l-amphetamines.

20. Dwar il-miżien huwa qal lid an instab fil-cupbaord tal-kċina u fuq kienu jiżen il-powder u r-ross għax meta taħgmel ċerta dieta trid tiżen kollox bl-eżatt. (fol.78). Il-miżien mhux xi wieħed elettroniku u tista' tixtrih minn kull imkien.

21. Il-karti mqattgħin kien f'container fejn iwaddbu l-imbarazz.

22. L-imputat indika l-persuna minn fejn kienu jixtri d-droga. (fol.80) meta dain il-persuna ma kenitx maħruba. (fol.80). L-imputat staqsa jekk nofs ecstasy tistax tbigħ minnha.

23. Fil-kontro-eżami l-imputat qal li l-qratas kien jagħmilhom id-dar u mhxu fil-karozza. Huwa wieġeb ukoll li lit-tfjala tiegħu il-Pulizija kienu nterrogawha ukoll.kienu.

24. Xhieda oħra tad-difiża kienet Josette Berry li stqarret li kienu għadhom kif xtraw karozza u xtaqet li joħorġu dawra biha. Huma kienu għaddew sad-dar ħa jġibu l-qattusa. Hija qalet li qatt ma ġew nies ifittxu lill-imputat id-dar. Lanqas ma kellu telefonati strambi. (fol.97). Hija xehdet ukoll li ma kentix taf min kien fil-karozza li kienet qed tagħfashom. Dwar il-miżien hija qalet li dan kien fil-kċina. Ix-xhud qalet li mn'Alla ġara dak li ġara għaliex l-imputat kien waqaf mill-vizzju. Hija qalet ukoll li qatt ma rat xi flus kbar fuq l-imputat.

25. Fl-aħħarnett xehed ukoll is-sur Peter Paul Darmanin li spjega li f'dak iż-żmien ibnu kien għaddej minn diffikultajiet tal-familja waqt li n-negozju kien f'daqqa waħda sejjer ħażin. Ibnu ried ukoll jibda jagħmel l-isports b'mod ordnat. Issa huwa aktar issettiljat u jgħin lil uliedu fix-xogħol tad-dar.

**Trattazzjoni**

26. Fit-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni l-aktar li enfasizzat kien fuq in-numru ta’ qratas (40 u li dawn kienu nstabu waqt li l-imputat kien barra d-dar u mhux ġod-dar. L-imputat kien qed jiġri bid-droga barra. Il-Prosekuzzjoni nsistiet li meta kellmet lill-imputat dan kien qal li l-aħjar biex tabbuża huwa d-dar. [1] Il-Porekuzzjoni qalet li tassew ma kienx xi ammont kbir iżda la ma kien sejjer imkiien partikolai x’kien qed jagħmel b’erab’ qratas.

Id-difiza enfassizzat li l-imputat kien għaddej minn żmien diffiċli. Il-preżenza tal-miċien kienet spjegata tajjeb mit-tfajla ta’ l-imputat u mill-imputat innifsu. Tlefon ma kellux u lanqas jidher li kien jirċievi. L-imputat kien wieġeb għal kollox waqt l-interrogatorju. Fuq kollox l-ammonti li nstabu ma jindikawx li l-imputat kien bniedem li jittraffika.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

### L-ewwel imputazzjoni

27. Il-qofol ta’ dan il-każ huwa l-ewwel imputazzjoni. Il-Prosekuzzjoni qed tinsisti li (a) is-sejbien ta’ erba’ qratas fil-karozza ta’ l-imputat (tnejn li rema u tnejn ġewwa) u (b) li l-imputat lanqas kien programmat fejn kien sejjer huma prova biżżejjed li l-imputat kellu l-intenzjoni li jispaċċja.

28. Il-Qorti kkonsidrat sew dawn il-fatti u eżaminat bir-reqqa x’qal l-imputat matul l-istqarrija tiegħu.

### (a) L-ammont

L-ammont indikat **fiż-żewġ qratas huwa ta’ 1.179 grammi.** Il-Qorti qed tenfasizza l-kelmiet **żewġ qratas** għaliex mill-elenku kollu ta’ l-eżami li għamel l-espert (13-il paragrafu) hemm biss l-aħħar tnejn dwar il-kokaina u waqt li l-apragrfu (l) jitkellem dwar traċċi fuq il-mera l-paragrafu (m) jitkellem dwar żewġ qratas (u mhux erba’). Allura l-prova forensika sa hemm biss tasal. Dan in-numru ma

[1] Dan il-punt ma jidhirx fl-istqarrija ta’ l-imputat. Jista’ jkun li sar xi kliem bejn il-Prosekuzzjoni u l-imputat iżda ma jidhrix li jirriżulta minn xi xhieda tal-Prosekuzzjoni.

jidhirx kontradett b'xi numru ieħor ta' qratas bil-kokaina fil-11-il paragrafu ta' l-espert. Biss fl-istqarrija jammetti li kien hemm erba' qratas. (fol.43)

Dwar l-ammont, il-Qorti tgħid ċar u tond li minkejja li mhux xi wieħed qawwi, xorta **f'ċirkostanzi oħrajn**, jista' jindika li wieħed ikun qed jispaċċja.

Fl-istqarrija l-imputat qal li kien ilu jieħu l-kokaina żi xahrejn u li kien jieħu madwar nofs gramma iżda mhux kull jum.

Meta qieset kollox il-Qorti ddeċidiet li fiċ-ċirkostaanzi ta' dan il-każ l-ammont mhux indikazzjoni konvinċenti biżżejejd dwar intenzjoni ta' spaċċjar.

**(b) It-Tqassim**

It-tqassim f'erba' pakketti jqanqal suspetti speċjalment meta misjuba barra. Il-Qorti hawn għandha d-diffikulta' tan-numru eżatt minħabba li l-evidenza forensika tidher differenti mix-xhieda okulari. Barra dan f'każi oħra fejn, per eżempju, imputat instab fuq l-istejġ ta' karozza b'sitt qratas, il-Qorti xorta baqgħlha dak il-lurking doubt ta' kemm dan wassal għall-prova.

Il-Qorti qed tqis ukoll li l-ispjegazzjoni mogħtija a tempo vergine mill-imputat hija aċċettabbli fuq bażi ta' probabilita'.

**(ċ) Il-preżenza ta' miżien elettroniku**

Il-Qorti qieset ukoll il-preżenza tal-miżien elettroniku (skond l-espert a fol.10 tar-relazzjoni tiegħu) iżda fuq dan ma nstabu ebda traċċi ta' sustanzi llegali.

29. Qieset ukoll jekk l-imputat ippruvax id-difiża tiegħu fuq bażi ta' probabilita'. Kien ippruvat soddisfaċentament li l-imputat kien qed jagħmel xi body building u dan huwa sorrett mir-ritratti li ħadet il-Prosekuzzjoni stess għax tidher id-dieta li wieħed għandu jsegwi. Hemm aktar minn ritratt wieħed li juri dan. Barra minn hekk ingħatat

spjegazzjoni kif wieħed irid joqgħod attent ta' x'jiekol u kemm jiekol jekk jieħu l-isports tal-bodybuilding serju.

**(d) Il-karti mqattgħin kwadri d-dar**

30. Fuq dawn il-Prosekuzzjoni m'għamlet ebda insistenza speċjali li waqt is-smigħ tax-xheida u lanqas fit-trattazzjoni. Il-Qorti m'għandhiex prova ċara ta' kemm kien hemm karti involuti għalkemm ippruvat tistabilixxi dan mir-ritratti. L-imptutat qal li dawn instabu f'container li wieħed iwaddab l-imbarazz. Il-Qorti ma teskludix li f'container ta' l-imbarazz wieħed jista' jwaddab karti mqattgħin sabiex fihom tintela d-droga iżda mhix konvinta li l-Prosekuzzjoni ippruvat li dawn il-karti kienu destinati għal dan l-art b'mod li jmur 'l hemm minn kull dubju raġonevoli.

**31. Il-konklużjoni tal-Qorti hija li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-pussess aggravat tal-kokaina, iżda ppruvat il-pussess sempliċi tal-kokaina, reat li huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' pussess sempliċi biss u mhux ta' pussess aggravat.**

**It-Tieni Imputazzjoni – pussess ta' ecstasy**

32. Din l-imputazzjoni hija ppruvata forensikament kif ukoll mill-istqarrija ta' l-imputat. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

**It-tielet Imputazzjoni – Pussess ta' amphetamine**

33. Mill-provi forensiċi, fil-paragrafi fejn hemm sejbien ta' sustanzi kkontrollati bil-Liġi, m'hemmx referenza għall-amphetamines (paġina 12 barra ta' l-ecstasy- ara paragrafu k li hija methylenedioxymethamphetamine u li diġa' kienet ikkonsidrata taħt it-tieni imputazzjoni). Il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

**Ir-raba' Imputazzjoni – pussess ta' cannabis.**

34. Din hija ppruvata kemm forensikament kif ukoll mill-istqarriaj ta' l-imputat. U għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

**Il-ħames imputazzjoni – ksur ta' kundizzjoni**

35. Jirriżulta li s-sentenza fil-konfront ta' l-imputat ingħatat fit-8 ta' Novembru 2001 u li r-reati seħħew fit-18 ta' Settembru 2002, u li din kellha terminu ta' sentejn. Is-sentejn ma kinux għaddew kif jidher mid-dati mogħtija u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**36. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 9 tal-Kap 152 [2](għaliex fiż-żmien meta ngħatat is-sentenza- 8 ta' Novembru 2001 dan kien il-Kap in vigore għaliex il-Kap 446 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2003) liema artikolu 9 llum sar l-artikolu 22 tal-Kap 446), l-artikolu 10(2) tal-Kap 152 (illum 23(2) tal-Kap 446) u l-artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152 (illum l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446), ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, ir-regolamenti 3(1) u 5(1) ta' l-Avviż Legali 22 tas-sena 1985, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), it-Taqsminiet 4 u 6 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap 31 issib lill-imputat mhux ħati ta' l-ewwel imputazzjoni fil-livell ta' pussess aggravat iżda minflok ħati ta' l-imputazzjoni fil-livell ta' pussess sempliċi biss liema reat huwa involut u kompriż fl-ewwel imputazzjoni, u ħati tat-tieni, ir-raba', u l-ħames imputazzjoni u qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.**

**37. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis l-ammont ta' kokaina involuta u l-ksur tal-kundizzjonijiet tas-sentenza tat-8 ta' Novembru 2001 qed tikkundanna lill-imputat kif ġej:**

---

[2] Dispożizzjoni tranżitorja artikolu 28 tal-Kap 446; Ara 'Il-Pulizija vs Charles Spiteri 348/2006 tad-19 ta' Jannar 2007 Imħallef Dr.David Scicluna Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri.

**(a) Għall-imputazzjoniji a), għall-ħlas ta' multa ta' 700 Euro pagabbli b'rati ta' 100 Euro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jseħħx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti ma titħallasx kull 11.65 Euros li ma jitħallsux jinbidlu f'jum priġunerija.**

**(b) Għall-imputazzjonijiet b) u d) minflok tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem sempliċi.**

**(ċ) Dwar l-imputazzjoni (e), il-Qorti, wara li qieset li llum spiċċa l-inkwiet bejn il-partijiet u l-każistika tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li ksur ta' kundizzjonijiet bil-fors ifisser li l-Qorti trid tagħti l-piena, qed tikkonsidra li piena ta' priġunerija xorta mhix idonea u minflok, wara li rat la-rtikoli 17(f) tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat iħalls multa ta' Ewro 582.34 li għaliha japplikaw l-istess kundizzjonijiet li jidhru għall-multa mogħtija aktar il fuq f'din is-sentenza għall-imputazzjoni (a).**

38. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qorti.

39. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għaliex l-esperti tqabbdu fil-mori ta' l-inkjesta u din saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------